MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**AARON BUGEJA**

Seduta ta' l-24 ta' Frar, 2014

Numru. 78/2014

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jonathan Ransley)**
**vs**
**Minuri 1**
**Minuri 3**
**Minuri 2**
**Minuri 4**
**Stephanie Borg**

Il-Qorti:

Wara li rat l-imputatazzjonijiet datati 21 ta’ Jannar, 2014 fil-konfront ta` :

1. Minuri 1 ta’ 17-il sena imwielda ommissis.

2. Minuri 3 ta’ 16-il sena imwieled ommissis.

3. Minuri 2 ta’ 17-il sena, imwieled ommissis.

4. Minuri 4 ta' 17-il sena imwieled ommissis.

5. Stephanie Borg ta' 18-il sena imwielda Pieta nhar it-3 ta' Gunju, 1995 bint Stephen u Joycie nee' Schieda u residenti 11, Triq il-Kuncizzjoni, Marsa u detentur ta' karta tal-identita' numru 242595 M.

akkuzati talli f'xi hin bejn il-lejl ta' 12 ta' Awissu, 2013 u 13 ta' Awissu, 2013 fi Triq ix-Xatt, tax-Xbiex;

1. Ikkommettew serq minn go dghajsa (yacht) bl-isem 'Flybye' ghad-detriment ta' Peter James Frendo u/jew persuna/i ohra, liema serq huwa aggravat bil-mezz, bil-lok, bil-hin;
2. Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi volontarjament ghamlu hsara, jew gharqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, meta ghamlu hsara fuq l-istess dghajsa (yacht) 'Flybye', ghad-detriment ta' Peter James Frendo u/jew persuna/i ohra liema hsara hija izjed minn mija u sittax il-ewro u sebgha u erbghin centezmu (116.47);

U aktar lil Minuri 3, Minuri 2, Stephanie Borg, Minuri 1 wahedhom akkuzati talli fl-istess data, lok u hin:

3. Ikkomettew serq minn go dghajsa (yacht) bl-isem 'James' ghad-detriment ta' Gregory John Cassar u/jew persuna/i ohra, liema serq huwa aggravat bil-mezz, bil-lok u bil-valur li ma jeccedix is-somma ta' elfejn, tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€ 2,329.37);
4. Talli fl-istess data, lok, hin u cirkustanzi volontarjament ghamlu hsara, jew gharqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobli, meta ghamlu hsara fuq l-istess dghajsa (yacht) 'James ghad-detriment ta' Gregory John Cassar u/jew persuna/i ohra liema hsara hija izjed minn mija u sittax il-euro u sebgha u erbghin centezmu (€ 116.47).

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Rat li matul il-kors tal-ezami taghhom skont l-Artikolu 392(1) u 370(4) tal-Kodici Kriminali l-imputati kollha wiegbu li ma ghandhomx oggezzjoni li l-kaz taghhom jigi trattat permezz tal-procedura sommarja.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali a fol 27 li permezz tieghu iddikjara li kien qieghed jakkonsentixxi li dan il-kaz jigi trattat permezz tal-procedura sommarja.

Il-Qorti rat li waqt l-istadju tal-ezami tal-imputati, huma kollha kemm huma ddikjaraw li huma hatja tal-imputazzjonijiet migjuba kontra taghhom.

Il-Qorti wara li spjegat u wissiet lill-imputati kollha wiehed wiehed bl-aktar mod solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba, u wara li tat zmien ragjonevoli lill-imputati kollha, sabiex jergghu lura minnha, u wara li l-istess imputati regghu ikkonferew mad-difensuri legali rispettivi taghhom, l-imputati kollha ghazlu li jergghu itennu l-ammissjoni taghhom.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet dwar il-piena li ghandha tigi inflitta.

**Ikkunsidrat : -**

Illi l-Qorti wara li rregistrat din id-decizjoni tal-imputati li jtennu l-ammissjoni taghhom f'dawn l-atti tqis li fid-dawl tal-ammissjoni registrata minnhom b`mod inkondizzjonat fil-Qorti bil-miftuh u wara li kkonsultaw mal-konsulenti legali taghhom, fic-cirkostanzi kollha ta' dan il-kaz, l-imputazzjonijiet gew sodisfacentement pruvati. B'hekk din il-Qorti m`ghandhiex alternattiva ghajr hlief issib lill-imputati hatja tal-imputazzjonijiet migjuba kontra taghhom.

Illi f'dan il-kaz, il-Prosekuzzjoni sostniet illi :

(a) l-imputati kienu ammettew l-involviment taghhom f'dan il-kaz mill-ewwel;

(b) li dan ir-reat kien marbut ma episodji li sehhew matul perjodu qasir fejn l-imputati kienu qeghdin jaghmluha ma kumpanija hazina, izda li b'xorti tajba kienu inqatghu minnha;

(c) li l-imputati kollha kienu gejjin minn familji tajbin izda li kienu sejrin jaqbdu jitkaxkru mal-kurrent ta' kumpanija li ma tixirqilhomx;
(d) u li f'dan il-kaz, tenut kont tal-eta tal-imputati l-piena idoneja kienet dik ta' ordni ta' *probation*.

Illi mill-banda l-ohra, d-Difiza kollegjalment tenniet illi : -
(a) b'adezjoni ma dak mistqarr mill-Prosekuzzjoni, il-kaz tal-imputati kien wiehed illi kien jimmerita ordni ta` *probation* il-ghaliex kien jinkwadra fir-raguni proprja ghaliex kienet saret il-ligi tal-*probation* u cioe` li nies ta` eta` zghira li jkunu xelfu difrejhom mal-gustizzja jkunu jistghu jigu mghejuna biex jaqbdu it-triq it-tajba;
(b) kif ukoll li b'riferenza ghal dawk li kienu minorenni kellu jkun hemm ukoll id-divjet fuq il-pubblikazzjoni tal-ismijiet taghhom fil-mezzi tax-xandir.

**<u>Decide -</u>**

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat :
(a) l-Artikoli 17(b)(h), 31, 37, 261(b)(e)(f), 263, 264(1), 265, 266, 269(e), 270, 278(3) u 325(1)(b) tal-Kodici Kriminali, fil-konfront tal-imputati kollha; kif ukoll
(b) l-Artikoli 17(b)(h), 31, 37, 261(b)(c)(e)(f), 263, 264(1), 265, 266, 267, 269(e), 270, 278(3), 279(a), 280(2) u 325(1)(b) tal-Kodici Kriminali fil-konfront tal-imputati kollha hlief ghal Minuri 4;
fuq l-ammissjoni taghhom stess, qeghda ssib lill-imputati Minuri 1, Minuri 3, Minuri 2, Minuri 4 u Stephanie Borg hatja tal-imputazzjonijiet migjuba kontra taghhom kif imsemmija aktar il-fuq u skont kif ammessi minnhom; izda peress li hija tal-fehma li fic-cirkostanzi jissussistu l-elementi kollha rikjesti skont l-Artikolu 7(2) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, a tenur tal-Artikolu 7(1) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta l-istess Qorti qeghdha tqieghed lill-imputati Minuri 1, Minuri 3, Minuri 2, Minuri 4 u Stephanie Borg taht ordni ta' *probation* ghal perijodu ta' tlett (3) snin mill-llum, liema ordni hija soggetta ghall-kundizzjonijiet elenkati fid-Digrieti rispettivi moghtija illum stess u annessi ma din is-sentenza u li jifformaw parti integrali minnha.

*Ai termini* tal-Artikolu 7(7) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta l-Qorti fissret lill-imputati kollha wiehed wiehed, bi kliem car u li jinftiehem, fuq l-effetti tal-ordni ta’ *probation* u tal-kondizzjonijiet kollha elenkati fid-Digrieti rispettivi annessi ma’ din is-sentenza u li f’kaz li xi hadd minnhom jonqos milli jikkonforma ruhu ma’ dawk l-ordnijiet u dawk il-kondizzjonijiet u/jew f’kaz li xi hadd minnhom jaghmel reat iehor tul it-terminu tal-ordni ta’ *probation,* jista’ individwalment u personalment jinghata sentenza ghar-reati li taghhom nstab hati b’din is-sentenza.

*Ai termini* tal-Artikolu 7(8) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta, il-Qorti tordna li kopja ta’ din is-sentenza u tal-ordni ta’ *probation* moghtija bid-Digrieti ta’ llum stess ghandhom jigu trasmessi minnufih lid-Direttur tas-Servizzi ta’ *Probation* sabiex jassenja ufficjal tal-*probation* **ghal kull hati** biex ikun responsabbli ghas-sorveljanza tal-hatja Minuri 1, Minuri 3, Minuri 2, Minuri 4 u Stephanie Borg minnufih.
Inoltre l-Qorti tordna divjet fuq il-pubblikazzjoni fil-media u l-mezzi tal-istampa **kollha** tal-ismijiet tal-imputati minorenni.

Moghtija illum l-24 ta’ Frar 2014, fil-Qrati tal-Gustizzja, Valletta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------